II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 224/2011

tas-7 ta' Marzu 2011

li jiffissa l-ħlas standard għal kull prospett tal-biedja għas-sena tal-kontabilità 2011 tan-netwerk tad-dejta tal-kontabilità agrikola

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni ta' kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1915/83 tat-13 ta' Lulju 1983 dwar regoli dettaljati ta' implimentazzjoni dwar iż-żamma ta' kontijiet biex ikun determinat id-dħul ta'ażjendi agrikoli [2], u partikolarment l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1915/83 jipprovdi illi għandu jitħallas ħlas fiss mill-Kummissjoni lill-Istati Membri għal kull prospett tal-biedja debitament mimli u li jkun mibgħut lilha fil-perjodu preskritt fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1264/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jiffissal-ħlas standard għal kull prospett tal-biedja għas-sena tal-kontabilità 2009 tan-netwerk tad-dejta tal-kontabilità agrikola [3], iffissal-ammont tal-ħlas standard għas-sena ta' kontabilità 2009 għal EUR 155 għal kull prospett tal-biedja. Ix-xejra fl-ispejjeż u l-effetti tagħha fuq kemm iqum biex jitlesta l-prospett tal-biedja jiġġustifikaw reviżjoni tal-ħlas.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk tad-Dejta dwar il-Kontabilità tal-Irziezet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Il-ħlas standard provdut fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1915/83 għandu jkun EUR 157.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-sena ta' kontabilità 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27.
[2] ĠU L 190, 14.7.1983, p. 25.
[3] ĠU L 338, 17.12.2008, p. 31.